SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (It-Tmien Awla)

5 ta' Ottubru 2020*

"Kompetizzjoni – Konċentrazzjonijiet – Suq tas-siment griż fil-Kroazja – Deċiżjoni li tiddikjara l-konċentrazzjoni inkompatibbli mas-suq intern u l-Ftehim ŻEE – Impriżi kkonċernati – Suq inkwistjoni – Parti sostantiva tas-suq intern – Evalwazzjoni tal-effetti tal-konċentrazzjoni fuq il-kompetizzjoni – Impenji – Drittijiet tad-difiża – Riferiment parzjali għall-awtoritajiet nazzjonali"

Fil-Kawża T-380/17,

HeidelbergCement AG, stabbilita f'Heidelberg (il-Ġermanja),

Schwenk Zement KG, stabbilita f'Ulm (il-Ġermanja),

irrappreżentati minn U. Denzel, C. von Köckritz, P. Pichler, U. Soltész, M. Raible u G. Wecker, avukati,

rikorrenti,

sostnuti minn

Duna-Dráva Cement Kft., stabbilita f'Vác (l-Ungerija), irrappreżentata minn C. Bán u Á. Papp, avukati,

intervenjenti,

vs

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn A. Dawes, H. Leupold u T. Vecchi, bħala aġenti,

konvenuta,

li għandha bħala suġġett talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2017) 1650 final tal-5 ta' April 2017 li tiddikkjara konċentrazzjoni inkompatibbli mas-suq intern u t-tħaddim tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (Każ M.7878 – HeidelbergCement/Schwenk/Cemex Hungary/Cemex Croatia),

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tmien Awla),

komposta minn A. M. Collins, President, R. Barents (Relatur) u J. Passer, Imħallfin,

Reġistratur: E. Artemiou, Amministratur,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura u wara s-seduta tas-17 ta' Ottubru 2019,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

tagħti l-preżenti

Sentenza [1]

[omissis]

III. Id-dritt

[omissis]

B. Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq żbalji ta' liġi u fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni dwar id-definizzjoni tad-dimensjoni Komunitarja tal-konċentrazzjoni

[omissis]

2. Fuq il-mertu

95 Permezz tal-ewwel motiv tagħhom, ir-rikorrenti jargumentaw, essenzjalment, li l-Kummissjoni ma għandhiex kompetenza sabiex tikkontrolla l-konċentrazzjoni sa fejn din tal-aħħar ma għandhiex dimensjoni Komunitarja, fis-sens tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament Nru 139/2004. Din id-dispożizzjoni teħtieġ b'mod partikolari li għall-inqas żewġ impriżi kkonċernati jilħqu individwalment dħul mill-bejgħ fl-Unjoni ta' mill-inqas EUR 250 miljun. Issa, wara din il-konċentrazzjoni, DDC kienet ser takkwista lill-kompetituri diretti tagħha, Cemex Croatia u Cemex Hungary. Għalhekk, l-impriżi kkonċernati huma dawn iż-żewġ impriżi bħala kumpanniji mmirati u DDC bħala akkwirent. Id-dħul mill-bejgħ ta' HeidelbergCement u ta' Schwenk għalhekk ma kellux jitqies separatament mill-Kummissjoni, iżda kellu jiġi attribwit lil DDC. Peress li d-dħul mill-bejgħ tal-kumpanniji mmirati huwa baxx wisq sabiex jintlaħqu l-limiti massimi ta' dħul mill-bejgħ tar-Regolament Nru 139/2004, hija għalhekk DDC biss li kienet f'pożizzjoni li tilħaq individwalment dawn il-limiti u l-konċentrazzjoni ma kellhiex dimensjoni Komunitarja.

[*omissis*]

a) Fuq l-ewwel parti, dwar il-kunċett ta' impriżi kkonċernati

97 Fil-kuntest tal-ewwel parti tal-ewwel motiv, ir-rikorrenti jargumentaw, essenzjalment, li l-interpretazzjoni mogħtija tal-Avviż ġuriżdizzjonali konsolidat tal-Kummissjoni taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ĠU 2008, C 95, p. 1, iktar 'il quddiem l-"Avviż ġurisdizzjonali kkonsolidat"), sa fejn dan jirrigwarda l-identifikazzjoni tal-impriżi kkonċernati fil-kuntest tal-akkwist ta' kontroll minn impriża konġunta, hija żbaljata. Ir-rikorrenti, sostnuti minn DDC, iqajmu ħames ilmenti insostenn ta' din l-allegazzjoni.

98 Qabel ma tiġi eżaminata l-fondatezza ta' dawn l-ilmenti, għandu jiġi miċħud l-argument tar-rikorrenti, skont liema impriża kkontrollata konġuntament, bħal DDC, għandha titqies bħala "impriża kkonċernata" fis-sens tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament Nru 139/2004, sa fejn il-kunċett ta' impriża fil-kuntest tad-dritt tal-kompetizzjoni jagħmel riferiment għal entità ekonomika awtonoma.

1 Qed jiġu riprodotti biss il-punti ta' din is-sentenza li l-Qorti Ġenerali tqis li l-pubblikazzjoni tagħhom hija utli.

99 Fil-fatt, il-prinċipji ta' awtonomija ġuridika u ekonomika tal-kumpannija ma jistgħux, fi kwalunkwe każ, jimplikaw li kumpannija li hija miżmuma jew ikkontrollata konġuntament minn żewġ kumpanniji oħra taġixxi neċessarjament b'mod awtonomu fis-suq minħabba s-sempliċi fatt li hija għandha personalità ġuridika jew mezzi ekonomiċi proprji. Fil-fatt, tali suppożizzjoni tinjora kompletament numru ta' possibbiltajiet li jeżistu fil-prattika għal kumpanniji omm li jinfluwenzaw l-aġir tas-sussidjarja tagħhom b'mod formali jew informali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Mejju 2011, Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni, T-299/08, EU:T:2011:217, punt 70).

1) Fuq it-teħid inkunsiderazzjoni tar-realtà ekonomika għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-impriżi kkonċernati

100 Ir-rikorrenti jargumentaw li l-paragrafi 145 sa 147 tal-Avviż ġurisdizzjonali kkonsolidat dwar l-akkwisti ta' kontroll minn impriża konġunta ma jippermettux lill-Kummissjoni tidentifika l-impriżi kkonċernati każ b'każ, billi teżamina r-realtà ekonomika sabiex tiddetermina liema huma l-atturi veri tal-proġett ta' konċentrazzjoni. Għalhekk, l-identifikazzjoni tal-impriżi kkonċernati ma tistax tkun ir-riżultat ta' evalwazzjonijiet fattwali kumplessi, imwettqa każ b'każ. Tista' ssir eċċezzjoni biss meta jkun evidenti għall-entitajiet inkwistjoni kollha li l-impriża kkontrollata konġuntament ma hijiex impriża kkonċernata. Il-Kummissjoni tista' teżamina r-realtà ekonomika biss f'żewġ ipoteżijiet. Fl-ewwel lok, meta l-impriżi akkwirenti jużaw "kumpannija qafas", jiġifieri kumpannija speċifikament ikkostitwita għall-finijiet tal-akkwist u, it-tieni, f'sitwazzjonijiet ta' eżenzjoni manifesta meta impriża kkontrollata konġuntament tintuża bħala sempliċi mezz għal konċentrazzjoni li ma għandha l-ebda rilevanza għaliha u jekk dan ikun evidenti għall-atturi kkonċernati kollha.

101 Ir-rikorrenti jżidu li mill-formulazzjoni tal-paragrafu 147 tal-Avviż ġurisdizzjonali kkonsolidat jirriżulta li parteċipazzjoni attiva tal-kumpanniji omm fil-konċentrazzjoni tista' sservi ta' indikazzjoni tal-fatt li dawn jużaw impriża konġunta bħala sempliċi mezz ta' akkwist, iżda ma hijiex biżżejjed bħala tali għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tal-kumpanniji omm bħala impriżi kkonċernati.

102 Barra minn hekk, azzjoni tal-kumpanniji omm ma tistax titqies bħala indikazzjoni tal-użu ta' impriża konġunta bħala sempliċi mezz ta' akkwist jekk dawn ikunu pparteċipaw kumulattivament fl-inizjattiva, l-organizzazzjoni jew il-finanzjament tal-konċentrazzjoni u jekk kollha kemm huma jew, mill-inqas, diversi kumpanniji omm, juru tali azzjoni.

103 Barra minn hekk, ir-rikorrenti jargumentaw li impriża kkontrollata konġuntament ma tistax tiġi kklassifikata bħala sempliċi mezz jekk din għandha interess strateġiku proprju fil-konċentrazzjoni, u dan anki jekk il-kumpanniji omm jista' jkollhom ukoll interess strateġiku proprju ikbar f'din il-konċentrazzjoni. Huwa biss jekk l-akkwist ma jirrigwardax l-attività ekonomika tal-impriża kkontrollata konġuntament, iżda jservi biss l-interessi tal-kumpanniji omm, li dawn tal-aħħar jistgħu jkunu kkonċernati mill-konċentrazzjoni. L-interess ta' DDC jimmaterjalizza, f'dan il-każ, b'mod partikolari, bil-proġetti tagħha ta' akkwist preċedenti, mill-fatt li ilha stabbilita, mill-fatt li l-konċentrazzjoni ssaħħaħ indirettament il-preżenza tagħha fis-suq, mill-fatt li hija kienet akkwirent dirett ta' Cemex Croatia, u mill-fatt li hija pparteċipat f'konċentrazzjoni li tikkonċernaha direttament.

104 Skont DDC, il-kunċett ta' impriżi kkonċernati huwa intiż li jidentifika l-impriżi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġi evalwat jekk konċentrazzjoni għandhiex tiġi nnotifikata jew le fil-kuntest tar-Regolament Nru 139/2004. Għal dan l-għan, dan il-kunċett għandu jiġi interpretat b'mod strett u prevedibbli. Dan huwa għaliex la jista' jiddependi mill-mod kif jiġi inizjat jew organizzat il-proċess ta' akkwist, la mill-mod kif jevolvi, u lanqas minn evalwazzjoni mill-Kummissjoni tal-allegata realtà ekonomika. Tista' ssir eċċezzjoni għal dan biss jekk ikun stabbilit b'mod ċar li l-ġestjoni tal-kumpannija mmirata u l-istrateġija kompetittiva tagħha ma humiex ser ikunu ddeterminati mill-kumpannija akkwirenti wara l-konċentrazzjoni jew jekk din ser tkun ta' benefiċċju esklużivament għal kumpannija oħra li ma hijiex l-akkwirent dirett.

105 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-Artikolu 1(2) tar-Regolament Nru 139/2004 ma jagħtix definizzjoni tal-kunċett ta' impriżi kkonċernati. Madankollu, l-interpretazzjoni ta' dan il-kunċett fil-konċentrazzjonijiet fejn impriża konġunta takkwista l-kontroll ta' kumpannija oħra hija s-suġġett tal-paragrafi 145 sa 147 tal-Avviż ġurisdizzjonali kkonsolidat.

106 Skont il-paragrafu 145 tal-Avviż ġurisdizzjonali kkonsolidat, jekk, b'mod ġenerali, l-impriża kkonċernata hija l-impriża konġunta bħala parti li tieħu sehem dirett fl-akkwist ta' kontroll, jista' jirriżulta li kumpanniji joħolqu "kumpanniji qafas" u li kull waħda mill-kumpanniji omm titqies bħala impriża kkonċernata. F'tali sitwazzjoni, il-Kummissjoni teżamina r-realtà ekonomika tal-konċentrazzjoni sabiex tidentifika l-impriżi kkonċernati.

107 F'dan il-kuntest, il-paragrafu 146 tal-Avviż ġurisdizzjonali kkonsolidat jippreċiża li, meta l-akkwist isir minn impriża kkontrollata konġuntament, li għandha l-karatteristiċi deskritti iktar 'il fuq, li diġà topera fl-istess suq, il-Kummissjoni normalment tqis li l-impriża konġunta nnifisha u l-impriża mmirata huma l-impriżi kkonċernati (u mhux il-kumpanniji omm tal-impriża konġunta).

108 Skont il-paragrafu 147 tal-Avviż ġurisdizzjonali kkonsolidat:

"Konversament, fejn l-impriża konġunta tista' titqies bħala sempliċi mezz għall-akkwist mill-kumpanniji prinċipali, il-Kummissjoni tqis lil kull waħda mill-kumpanniji prinċipali stess bħala impriżi kkonċernati, miflok l-impriża konġunta, flimkien mal-kumpannija mmirata. Dan huwa b'mod partikolari l-każ fejn l-impriża konġunta hija stabbilita speċjalment għall-iskopijiet li takkwista l-impriża mmirata jew għadha ma bdietx topera, fejn impriża konġunta eżistenti m'għandhiex karattru ta' funzjonalità sħiħa kif imsemmi hawn fuq jew fejn l-impriża konġunta hija assoċjazzjoni ta' impriżi. L-istess jgħodd fejn hemm elementi li juru li l-kumpanniji prinċipali fil-fatt huma l-parteċipanti reali wara l-operazzjoni. Dawn l-elementi jistgħu jinkludu involviment sinifikanti mill-kumpanniji prinċipali infishom fl-inizjazzjoni, l-organizzazzjoni u l-finanzjament ta' l-operazzjoni. F'dawk il-każijiet, il-kumpanniji prinċipali jitqiesu li huma l-impriżi kkonċernati."

109 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li għandhom jiġu eżaminati l-argumenti tar-rikorrenti u ta' DDC.

110 L-ewwel nett, l-interpretazzjoni proposta mir-rikorrenti u DDC li tikkonsisti f'li l-Kummissjoni titneħħielha l-possibbiltà li tieħu inkunsiderazzjoni r-realtà ekonomika, ħlief fl-ipoteżijiet identifikati minnhom, għandha tiġi miċħuda.

111 Qabelxejn, dawn l-interpretazzjonijiet kulma jagħmlu huwa li jneħħu b'mod totali r-rilevanza, għall-applikazzjoni tar-Regolament Nru 139/2004, tar-rabtiet li jistgħu jeżistu bejn impriża kkontrollata konġuntament u l-kumpanniji omm tagħha, bl-eċċezzjoni tas-sitwazzjonijiet identifikati mir-rikorrenti u DDC. Issa, dan ma jistax ikun il-każ.

112 Fil-fatt, għandu jitfakkar li ġie deċiż li l-fatt li impriża konġunta tkun ikkontrollata konġuntament u għalhekk, minn perspettiva funzjonali, ekonomikament awtonoma, ma jfissirx li din tgawdi minn awtonomija f'dak li jirrigwarda l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet strateġiċi tagħha. Konklużjoni inversa tkun twassal għas-sitwazzjoni li qatt ma jkun jeżisti kontroll konġunt fuq "impriża konġunta", peress li din tkun ekonomikament awtonoma (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-23 ta' Frar 2006, Cementbouw Handel & Industrie vs Il-Kummissjoni, T-282/02, EU:T:2006:64, punt 62).

113 Għalhekk, huwa eskluż li l-kwistjoni essenzjali, imqajma skont il-paragrafu 145 tal-Avviż ġurisdizzjonali kkonsolidat, dwar id-determinazzjoni taċ-ċirkustanzi li fihom impriża konġunta għandha titqies bħala impriża kkonċernata, tiġi ridotta għas-sitwazzjonijiet imsemmija mir-rikorrenti u DDC.

114 Sussegwentement, l-interpretazzjoni tar-rikorrenti u ta' DDC tammonta wkoll biex tiċħad li xi rabtiet indiretti bejn il-kumpanniji omm u l-impriża konġunta jista' jkollhom effetti fuq l-aġir kompetittiv tal-impriżi hekk relatati f'ċerti swieq.

115 Issa, fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-kontroll konġunt ta' impriża konġunta, il-kumpanniji omm ta' din l-impriża ser ikollhom neċessarjament jiftiehmu fuq il-ġestjoni kummerċjali ta' din tal-aħħar, u, sa ċertu punt, fuq il-pożizzjoni rispettiva tagħhom fil-konfront tal-impriża konġunta fuq ċerti swieq. Minn dan isegwi li l-eżistenza ta' tali rabtiet indiretti, ekonomiċi u strutturali, tikkostitwixxi element li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-evalwazzjoni ta' konċentrazzjoni fis-sens tar-regolament dwar il-konċentrazzjonijiet (sentenza tat-8 ta' Lulju 2003, Verband der freien Rohrwerke *et* vs Il-Kummissjoni, T-374/00, EU:T:2003:188, punti 173 u 174).

116 Minn dan kollu preċedenti jirriżulta li, sabiex tiġi żgurata l-effikaċja tal-kontroll tal-konċentrazzjonijiet, jidher neċessarju li tittieħed inkunsiderazzjoni r-realtà ekonomika tal-atturi veri tal-konċentrazzjoni skont iċ-ċirkustanzi ta' liġi u ta' fatt rispettivi għal kull każ. Għalhekk, id-determinazzjoni tal-impriżi kkonċernati hija neċessarjament marbuta mal-mod kif inbeda, ġie organizzat u ffinanzjat il-proċess ta' akkwist f'kull każ individwali.

117 It-tieni, l-interpretazzjoni tal-paragrafu 147 tal-Avviż ġurisdizzjonali kkonsolidat mogħtija mir-rikorrenti u DDC għandha wkoll tiġi miċħuda.

118 Fl-ewwel lok, mill-formulazzjoni ta' dan il-paragrafu jsegwi li l-użu ta' impriża kkontrollata konġuntament bħala sempliċi mezz ta' akkwist ma huwiex l-unika ipoteżi fejn il-kumpanniji omm jistgħu jiġu kklassifikati bħala impriżi kkonċernati.

119 Fil-fatt, it-tieni sentenza ta' dan il-paragrafu tiċċita diversi eżempji ta' sitwazzjonijiet li fihom impriża kkontrollata konġuntament tista' titqies bħala sempliċi mezz ta' akkwist. Dan isegwi mill-użu tal-formulazzjoni "[d]an huwa b'mod partikolari l-każ". Min-naħa l-oħra, is-sitwazzjoni li fiha "hemm elementi li juru li l-kumpanniji prinċipali [kumpanniji omm] fil-fatt huma l-parteċipanti reali wara l-operazzjoni" hija ċċitata separatament fis-sentenza ta' wara. Din tal-aħħar għandha għalhekk tiġi distinta mis-sitwazzjonijiet li fihom impriża kkontrollata konġuntament tista' titqies bħala sempliċi mezz ta' akkwist.

120 Barra minn hekk, il-verżjoni Ingliża tal-aħħar sentenza tal-paragrafu 147 tal-Avviż ġurisdizzjonali kkonsolidat tuża l-espressjoni "in those cases" fil-plural, u mhux fis-singular, sabiex tagħmel riferiment għall-każijiet li fihom il-kumpanniji omm jistgħu jitqiesu bħala "impriżi kkonċernati" minflok l-impriża tagħhom ikkontrollata konġuntament. Dan jikkonferma li jeżistu diversi każijiet li fihom kumpanniji omm jitqiesu bħala "impriżi kkonċernati".

121 Fit-tieni lok, mill-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni jsegwi li l-"elementi" "li juru" li "l-kumpanniji prinċipali [kumpanniji omm] fil-fatt huma l-parteċipanti reali wara l-operazzjoni" u li huma elenkati bħala tali, jiġifieri "l-involviment sinifikanti mill-kumpanniji prinċipali infishom fl-inizjazzjoni, l-organizzazzjoni u l-finanzjament ta' l-operazzjoni", ma jagħmlux lista eżawrjenti ta' ipoteżijiet. Dan isegwi mill-użu tal-espressjoni "on citera ainsi" fil-verżjoni Franċiża, mill-espressjoni "these elements may include" fil-verżjoni Ingliża u mill-espressjoni "kan een factor zijn" fil-verżjoni Olandiża.

122 Fil-fatt, sabiex tittieħed inkunsiderazzjoni r-realtà ekonomika, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-elementi rilevanti kollha li jistgħu jistabbilixxu liema huma l-parteċipanti reali fil-konċentrazzjoni. Għalhekk, l-azzjoni attiva tal-kumpanniji omm għall-konċentrazzjoni tista' tiġi dedotta minn firxa wiesgħa ta' provi konkordanti, anki jekk ebda wieħed minn dawn l-elementi, meħud waħdu, ma huwa biżżejjed sabiex "jitniffed il-velu" fuq ir-realtà tal-konċentrazzjoni.

123 Fi kliem ieħor, il-paragrafu 147 tal-Avviż ġurisdizzjonali kkonsolidat iqis żewġ ipoteżijiet, jiġifieri l-ipoteżi fejn l-impriża konġunta tintuża bħala sempliċi mezz jew, alternattivament, l-ipoteżi li fiha l-kumpanniji omm ikunu l-parteċipanti reali fil-konċentrazzjoni. F'dan ir-rigward, l-imsemmija dispożizzjoni tiċċita diversi eżempji relatati ma' kull waħda minn dawn iż-żewġ ipoteżijiet, u dan b'mod mhux eżawrjenti.

124 Għalhekk, kuntrarjament għal dak li jargumentaw ir-rikorrenti u DDC, ma huwiex biss meta l-kumpanniji omm jużaw "qafas vojt" għall-akkwist jew f'sitwazzjonijiet ta' evitar li jista' jkun hemm lok li jitqies li l-kumpanniji omm huma l-impriżi kkonċernati, iżda wkoll meta huma l-parteċipanti reali fil-konċentrazzjoni. Hemm lok li jiġi ppreċiżat li, f'dan il-każ, il-Kummissjoni qieset li l-konċentrazzjoni taqa' taħt it-tieni tip ta' sitwazzjoni, u mhux taħt l-ewwel wieħed, bħalma donnhom jissuġġerixxu r-rikorrenti kultant fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħhom.

125 It-tielet, fir-rigward tal-argument skont liema impriża kkontrollata konġuntament ma tistax tiġi kklassifikata bħala sempliċi mezz meta għandha interess proprju fil-konċentrazzjoni, dan l-argument għandu jiġi miċħud bħala ineffettiv għaliex, bħalma ġie indikat fil-punt 124 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni qieset li din il-konċentrazzjoni taqa' taħt it-tieni tip ta' sitwazzjoni prevista fil-paragrafu 147 tal-Avviż ġurisdizzjonali kkonsolidat. Fi kwalunkwe każ, il-fatt li impriża kkontrollata konġuntament jista' jkollha interess strateġiku proprju f'konċentrazzjoni ma jistax jipprekludi l-klassifikazzjoni tal-kumpanniji omm bħala impriżi kkonċernati bħala parteċipanti reali wara l-konċentrazzjoni, fid-dawl b'mod partikolari tal-azzjoni tagħhom għall-inizjazzjoni, l-organizzazzjoni u l-finanzjament tal-konċentrazzjoni.

126 Għaldaqstant, l-argumenti tar-rikorrenti u ta' DDC għandhom jiġu miċħuda.

2) Fuq il-prinċipju ta' ċertezza legali

127 Ir-rikorrenti jargumentaw li l-approċċ tal-Kummissjoni li jikkonsisti f'li tittieħed inkunsiderazzjoni każ b'każ ir-realtà ekonomika, jikser il-prinċipju ta' ċertezza legali. Fil-fatt, il-kunċett ta' impriżi kkonċernati, skont huma, għandu impatt immedjat fuq l-applikabbiltà tal-obbligu ta' sospensjoni tal-konċentrazzjoni u fuq ir-riskju ta' eventwali multi fil-każ ta' ksur ta' dan l-obbligu. Issa, min-naħa tal-akkwirent, il-kumpannija omm ta' impriża kkontrollata konġuntament mhux bilfors tkun informata bil-firxa tal-involviment tal-kumpannija omm l-oħra. Bl-istess mod, impriża mmirata u l-bejjiegħ ġeneralment ma jkunux f'pożizzjoni li jidentifikaw l-impriżi kkonċernati, min-naħa tal-akkwirent, sa fejn dawn mhux neċessarjament ikollhom għarfien tal-livell ta' azzjoni tal-kumpanniji omm u tal-impriża kkontrollata konġuntament fl-organizzazzjoni u l-finanzjament tal-konċentrazzjoni. U anki jekk dan ikun il-każ, l-impriżi inkwistjoni ma jistgħux jevalwaw qabel il-konċentrazzjoni jekk dan il-livell ta' azzjoni huwiex attiv biżżejjed sabiex jiġi konkluż li l-kumpanniji omm huma impriżi kkonċernati. L-inċertezza ġġenerata b'din is-sitwazzjoni hija, skont ir-rikorrenti, inaċċettabbli.

128 Skont huma, l-impriżi inkwistjoni għandhom jikkonsultaw mal-Kummissjoni qabel in-notifika ta' kull proġett ta' konċentrazzjoni sabiex tittieħed konoxxenza tal-perspettiva ta' din tal-aħħar. Madankollu, anki tali konsultazzjoni ma toffrix ċertezza legali sa fejn it-tweġibiet tad-DĠ Kompetizzjoni għat-talbiet għal konsultazzjoni ma humiex vinkolanti u, f'każijiet reċenti, il-Kummissjoni anki rrifjutat li tipprovdi tweġiba bil-miktub.

129 L-ilment ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali mqajjem mir-rikorrenti għandu jiġi miċħud.

130 Il-prinċipju ta' ċertezza legali, li jagħmel parti mill-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, jeżiġi li r-regoli tad-dritt ikunu ċari, preċiżi u prevedibbli fl-effetti tagħhom, sabiex il-persuni interessati jkunu jistgħu jidderieġu ruħhom f'sitwazzjonijiet u relazzjonijiet legali li huma parti mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni (sentenza tat-8 ta' Diċembru 2011, France Télécom vs Il-Kummissjoni, C-81/10 P, EU:C:2011:811, punt 100). Madankollu, billi ċertu ammont ta' inċertezza dwar it-tifsira u l-portata ta'

regola tad-dritt huwa inerenti għaliha, għandu jiġi eżaminat jekk ir-regola tad-dritt inkwistjoni hijiex ivvizzjata b'ambigwità tali li tfixkel li l-partijiet fil-kawża jkunu jistgħu jqajmu b'biżżejjed ċertezza eventwali dubji dwar il-portata jew is-sens ta' din ir-regola (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' April 2005, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni, C-110/03, EU:C:2005:223, punti 30 u 31). F'dan ir-rigward, dawn ir-rekwiżiti jistgħu jinftiehmu bħala li jimponu biss li regola li tuża kunċett legali astratt issemmi d-diversi ipoteżijiet konkreti li tista' tapplika fihom, sa fejn dawn l-ipoteżijiet kollha ma jistgħux jiġu ddeterminati bil-quddiem mil-leġiżlatur (sentenza tal-20 ta' Lulju 2017, Marco Tronchetti Provera *et*, C-206/16, EU:C:2017:572, punt 42).

131 F'dan il-każ, bl-allegazzjoni tagħhom skont liema l-Avviż ġurisdizzjonali kkonsolidat ma jippermettix lill-Kummissjoni "teżamina r-realtà ekonomika" kif jidhrilha xieraq u li "tiddetermina min huma l-parteċipanti reali ta' operazzjoni" f'kull ipoteżi individwali, ma huwiex possibbli li jiġi ddeterminat jekk ir-rikorrenti jridux iqajmu nuqqas ta' ċarezza, ta' preċiżjoni jew ta' prevedibbiltà tal-paragrafi 145 sa 147 tal-imsemmija komunikazzjoni, jew tal-applikazzjoni li ssir tagħhom mill-Kummissjoni f'dan il-każ. Għalhekk, għandu jiġi eżaminat jekk l-Avviż ġurisdizzjonali kkonsolidat innifsu jew l-implimentazzjoni tiegħu mill-Kummissjoni ġġenerawx ambigwità kuntrarja għall-prinċipju ta' ċertezza legali.

132 Mill-paragrafi 1 u 4 tal-Avviż ġurisdizzjonali kkonsolidat isegwi li dan ġie adottat fl-interess li jiġu żgurati t-trasparenza, il-prevedibbiltà u ċ-ċertezza legali tal-azzjoni mnedija mill-Kummissjoni (ara, b'analoġija, is-sentenzi tat-30 ta' Mejju 2013, Il-Kummissjoni vs L-Iżvezja, C-270/11, EU:C:2013:339, punt 41, u tat-12 ta' Frar 2014, Beco vs Il-Kummissjoni, T-81/12, EU:T:2014:71, punt 70).

133 Il-paragrafi 145 sa 147 tal-Avviż ġurisdizzjonali kkonsolidat għalhekk b'mod partikolari ġew adottati bl-għan li tiġi żgurata ċ-ċertezza legali. Barra minn hekk, dawn id-dispożizzjonijiet ma jagħtux sinjali kontradittorji fir-rigward tal-approċċ użat mill-Kummissjoni sabiex tiddetermina l-impriżi kkonċernati b'konċentrazzjoni. Dawn jippermettu, kemm lill-kumpanniji omm ta' impriża kkontrollata konġuntament, kif ukoll lill-bejjiegħ u lill-kumpannija mmirata tiegħu, li jiddeterminaw l-impriżi kkonċernati, sa fejn, bħalma targumenta l-Kummissjoni, dawn l-impriżi neċessarjament ikollhom għarfien, fil-kuntest tan-negozjati fid-dawl tal-konċentrazzjoni, tal-livell ta' involviment tal-kumpanniji omm tal-impriża konġunta. Fil-każ ta' dubji, il-partijiet fil-konċentrazzjoni dejjem jistgħu jitolbu informazzjoni mill-kumpannija kkonċernata fir-rigward tal-livell ta' involviment tagħha fil-konċentrazzjoni.

134 Barra minn hekk, bħala operaturi ekonomiċi diliġenti u, b'mod partikolari, bħala professjonisti mdorrija li jkollhom juru prudenza kbira fl-eżerċizzju ta' xogħolhom, il-partijiet f'konċentrazzjoni jistgħu wkoll jekk ikun hemm bżonn jagħmlu riferiment għal għarfien espert sabiex jevalwaw il-konsegwenzi li jistgħu jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-paragrafi 145 sa 147 tal-Avviż ġurisdizzjonali kkonsolidat.

135 Barra minn hekk, il-partijiet fil-konċentrazzjoni dejjem għandhom il-possibbiltà li jagħmlu kuntatt mas-servizzi tal-Kummissjoni sabiex jiksbu orjentazzjonijiet informali fuq l-impriżi kkonċernati mill-konċentrazzjoni. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ma jippreċiżawx f'liema kawżi reċenti l-Kummissjoni rrifjutat, skont kif jgħidu huma, li tagħti tali tweġiba.

136 Iċ-ċirkustanzi tal-każ jikkontradixxu wkoll l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti, għaliex DDC talbet tali tweġiba fl-20 ta' Awwissu 2015, u kisbitha fit-13 ta' Novembru 2015, bħalma jsegwi mill-punti 14 u 16 iktar 'il fuq. Barra minn hekk, il-pożizzjoni tad-DĠ Kompetizzjoni esposta fl-ittra tiegħu ddatata t-13 ta' Novembru 2015, li tidentifika lir-rikorrenti bħala impriżi kkonċernati, hija identika għall-pożizzjoni finalment adottata fid-deċiżjoni kkontestata. Minkejja li din l-ittra ssemmi li din ma tikkostitwixxix deċiżjoni tal-Kummissjoni, ir-rikorrenti ma jistabbilixxux li l-konsultazzjoni tal-Kummissjoni pprekludiethom, bħala operaturi ekonomiċi diliġenti, milli jneħħu eventwali dubji li huma seta' kellhom dwar l-obbligu ta' notifika f'dan il-każ.

[*omissis*]

3) Fuq l-estensjoni tal-kompetenzi tal-Kummissjoni

[*omissis*]

140 Għandu jiġi rrilevat li r-raġunament tar-rikorrenti, skont liema l-interpretazzjoni tal-Kummissjoni tippermetti li jiġu inklużi fil-kamp ta' kompetenza tagħha konċentrazzjonijiet li għandhom impatt fuq parti żgħira ta' Stat Membru u li ma għandhomx rilevanza għall-kummerċ transkonfinali fis-suq intern, huwa bbażat fuq premessa żbaljata. Fil-fatt, skont l-aħħar parti tas-sentenza tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament Nru 139/2004, konċentrazzjoni ma għandhiex dimensjoni komunitarja, anki jekk il-limiti ta' dħul mill-bejgħ jintlaħqu, meta kull waħda mill-impriżi kkonċernati tagħmel iktar minn żewġ terzi tad-dħul mill-bejgħ totali tagħha fl-Unjoni fi ħdan Stat Membru wieħed biss. Barra minn hekk, ir-rikorrenti donnhom jamalgamaw id-daqs ekonomiku ta' konċentrazzjoni u l-effetti tagħha f'parti sostantiva tas-suq, għaliex il-kwistjoni dwar jekk il-konċentrazzjoni tostakolax b'mod sinjifikattiv kompetizzjoni effettiva f'parti sostantiva tas-suq taqa' taħt l-evalwazzjoni tal-kompetizzjoni fil-mertu (ara l-punt 359 *et seq*. iktar 'il quddiem).

141 Għalhekk, l-argument tar-rikorrenti għandu jiġi miċħud.

4) Fuq l-intenzjoni tal-kumpanniji omm

142 Ir-rikorrenti jargumentaw li l-perspettiva li ħadet il-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata fl-Avviż ġurisdizzjonali kkonsolidat tissuġġetta l-applikabbiltà tar-Regolament Nru 139/2004 għal elementi suġġettivi, li jmur kontra l-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali.

143 Hemm lok li l-argument tar-rikorrenti jiġi miċħud.

144 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ma jistgħu jisiltu ebda argument utli mill-punt 129 tas-sentenza tal-21 ta' Settembru 2005, EDP vs Il-Kummissjoni (T-87/05, EU:T:2005:333). Fil-fatt, minkejja li dan il-punt jistipula li l-applikabbiltà tar-regolament l-antik fuq il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet ma jistax jiddependi mir-rieda tal-partijiet f'konċentrazzjoni, dan ma jirrigwardax l-identifikazzjoni tal-impriżi kkonċernati, iżda sempliċement jistabbilixxi li s-sempliċi fatt li l-partijiet jinnotifikaw konċentrazzjoni ma jimplikax li r-regolament fuq il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet ikun applikabbli.

5) Fuq l-għanijiet u l-istruttura tar-Regolament Nru 139/2004

145 DDC targumenta li, minkejja li r-Regolament Nru 139/2004 ma jiddefinixxix il-kunċett ta' impriżi kkonċernati, l-għanijiet u l-istruttura tal-Artikolu 5(4) tiegħu jagħtu indikazzjonijiet fuq il-mod kif għandu jiġi interpretat dan il-kunċett.

146 Fl-ewwel lok, mill-għan mogħti lir-regolament mill-premessa 8 tiegħu jsegwi, essenzjalment, li l-impriżi kkonċernati huma impriżi li jipparteċipaw direttament fil-konċentrazzjoni. Sabiex jiġu evalwati kif għandu jkun l-effetti ta' konċentrazzjoni, għalhekk, għandu jiġi ddeterminat liema kumpannija ser tikkontrolla l-attivitajiet tal-kumpanniji mmirati, ser tiddeċiedi l-istrateġija kompetittiva tagħhom, u ser tbati l-konsegwenzi ekonomiċi ta' din. Bħala regola ġenerali, huwa neċessarju li l-impriżi kkonċernati jkunu jinsabu fuq naħa u oħra tat-tranżazzjoni, inkella l-Kummissjoni jkollha teżamina kull akkwist żgħir ta' impriżi mmirati minn impriżi komuni ta' kumpanniji multinazzjonali kbar. Jista' jkun hemm eċċezzjoni għal dan biss meta l-ġestjoni tal-kumpannija mmirata u l-istrateġija kompetittiva tagħha ma humiex iddeterminati mill-akkwirent jew meta l-konċentrazzjoni tkun ta' benefiċċju esklużivament għal kumpannija oħra. Il-livell ta' involviment tal-kumpannija omm tal-akkwirent fl-inizjattiva, l-organizzazzjoni u l-finanzjament ftit li xejn huma importanti.

147 Fit-tieni lok, mid-distinzjoni mwettqa mill-Artikolu 5(4)(a) u (ċ) tar-Regolament Nru 139/2004 bejn l-impriża kkonċernata, minn naħa, u l-impriżi li jikkontrollaw impriża kkonċernata, min-naħa l-oħra, isegwi li dan ir-regolament ma jipprevedix li l-azzjonisti kontrollanti ta' kumpannija jkunu jistgħu jitqiesu bħala impriżi kkonċernati. Jista' jkun hemm eċċezzjonijiet jekk ikun stabbilit b'mod ċar li konċentrazzjoni ma tikkonċernax direttament il-kumpannija akkwirenti. Jekk le, l-Artikolu 5(4)(ċ) tal-imsemmi regolament ikun superfluwu.

148 Ir-raġunament ta' DDC għandu jiġi miċħud.

149 Fl-ewwel lok, bħalma targumenta ġustament il-Kummissjoni, ma huwiex neċessarju li l-impriżi kkonċernati li d-dħul mill-bejgħ tagħhom jaqbeż il-limiti previsti jkunu jinsabu f'naħa u f'oħra tal-konċentrazzjoni, sa fejn l-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 139/2004 ma jinvokax l-"akkwirent u l-impriża mmirata" iżda "mill-inqas tnejn mill-impriżi kkonċernati".

150 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li, b'mod simili, skont il-paragrafu 140 tal-Avviż ġurisdizzjonali konsolidat, meta żewġ kumpanniji jakkwistaw kontroll konġunt ta' kumpannija preeżistenti, l-impriżi kkonċernati huma kull waħda mill-kumpanniji li jakkwistaw il-kontroll konġunt u l-kumpannija mmirata.

151 Fit-tieni lok, l-Artikolu 5(4)(c) tar-Regolament Nru 139/2004 jipprovdi biss li d-dħul mill-bejgħ totali ta' impriża kkonċernata għandu jinkludi d-dħul mill-bejgħ tal-impriżi li għandhom ċerti drittijiet jew setgħat fl-impriża kkonċernata, mingħajr dan ma jipprekludi li, f'ċerti każijiet, l-impriżi li jikkontrollaw impriżi oħrajn ikunu jistgħu jitqiesu huma stess bħala li huma impriżi kkonċernati.

152 Minn dan kollu preċedenti jirriżulta li l-ewwel parti tal-ewwel motiv għandha tiġi miċħuda.

[*omissis*]

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tmien Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) HeidelbergCement AG u Schwenk Zement KG huma kkundannati għall-ispejjeż rispettivi tagħhom kif ukoll l-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

3) Duna-Dráva Cement Kft. għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha relatati mat-talbiet għal intervent.

Collins Barents Passer

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fil-5 ta' Ottubru 2020.

Firem